MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**IAN SPITERI BAILEY**

Seduta tat-13 ta' Frar, 2009

Talba Numru. 896/2008

**Bank of Valletta Plc (2833)**

**Vs**

**Joseph Bonello I.D. 721859(M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-12 ta' Novembru 2008, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attur is-somma ta' hames mija hamsa u disghin Euro u sitta u sittin centezmu (€595.66) ghar-ragunijiet msemmija fl-Avviz msemmi, bl-ispejjez kollha u bl-interessi.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tal-attur sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Artikoli 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta tat-30 ta' Jannar 2009, meta gew pprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba tal-attur tirrizulta sodisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) tal-KAP 380 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-Bank attur is-somma ta' hames mija hamsa u disghin Euro u sitta u sittin centezmu (€595.66), bl-interessi u bl-ispejjes kif mitluba fl-Avviz kontra l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------